MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Numru 1092/2010

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Janica Borg

Rat l-akkuzi mijguba kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 461288M, akkuzata talli bejn it-03 u t-08 ta' Mejju 2010 f'hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda:

1. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet

klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe’ ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta’ Veneranda Spiteri u Vince Borg, ghad-detriment ta’ Dar l-Ewropa, Triq San Pawl, Valletta u persuni ohra;

2. talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta’ Mary Belli u persuni ohra;

4. fil-11 ta’ Mejju 2010 bejn il-1045hrs u l-2300hrs gewwa l-ufficju ta’ l-Ispettur James Grech, Ghassa tal-Pulizija, Valletta, bil-hsieb li taghmel hsara lil Robert Grech u WPC 123 Janet Cicala, akkuzat lil dawn il-persuni quddiem awtorità kompetenti b’reat, fil-waqt li kienet taf li dawk il-persuni huma innocenti, ghall-fatt biss li hekk akkuzathom;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Robert Grech u WPC 123 Janet Cicala, weggathom bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputata qeghdha tammetti l-akkuzi f’din l-ewwel udjenza mal-prezentata taghha. Din l-ammissjoni hi

wahda volontarja u inkondizjonata u l-imputata insistiet fuqha anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra. Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni l-Qorti ssibha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha li jittrattaw il-frodi. Rat l-Artikoli 183, 184, 308, 334, 167, 101 u 17 tal-Kap 9 qeghdha ghal din id-darba wara li kkonsidrat l-eta’ taghha u l-fedina penali netta, tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------